32000R1042

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1042/2000

tat-18 ta' Mejju 2000

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2342/1999 li jistabbilixxi regoli ddettaljati rigward l-iskemi tal-premiums fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam taċ-ċanga u l-vitella [1], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 907/2000 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 4(8), 6(7), 11(5) u 12(3) tiegħu,

Billi:

(1) B'konnessjoni mal-*premium* speċjali konċess mal-qatla u l-*premium* għall-qatla, il-perjodu taż-żmien ta' anqas minn xahar għall-qatla, il-kunsinna jew l-esportazzjoni wara l-perjodu taż-żmien taż-żamma, kif ipprovduti rispettivament fl-Artikoli 9(1) and 37(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2342/1999 tat-28 ta' Ottubru 1999 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam taċ-ċanga u l-vitella rigward l-iskemi tal-*premiums* [3], ġie ppruvat mhux suffiċjenti, b'mod partikolari meta jitqiesu ċerti ħtiġiet veterinarji fil-każ ta' l-esportazzjoni. Għandu għalhekk jiġi permess perjodu itwal taż-żmien f'dan il-każ. Barra minn hekk u f'ġieħ iċ-ċarezza, din il-miżura għandha tapplika, ma' l-applikazzjoni tal-produttur, miż-żmien li tkun ġiet imdaħħla l-iskema l-ġdida tal-*premiums*.

(2) L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (EE) Nru 3950/92 tat-28 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi impost addizzjonali fis-settur tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib [4], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 749/2000 [5], u l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjon komuni tas-suq fil-ħalib u l-prodotti mill-ħalib [6] jużaw l-espressjoni "disponibbli" sabiex tirreferi għall-kwantità individwali tal-ħalib tar-referenza. Madankollu, l-Artikoli 17 u 31 tar-Regolament (KE) Nru 2342/1999 jużaw l-espressjoni "allokat" biex tirreferi għall-istess kunċett. Għar-raġuni taċ-ċarezza legali, l-istess espressjoni għandha dejjem tintuża għall-istess kunċett. Din il-kwistjoni dwar it-terminoloġija, li tmur lura għall-introduzzjoni ta' l-iskema ġdida tal-*premiums*, teħtieġ li tiġi maqtugħa.

(3) Meta jiġi applikat l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999, li jippermitti l-applikazzjonijiet għall-*premiums* għall-baqar li jreddgħu li jinkludu sa' 20 % ta' l-għoġiela li għadhom ma welldux, għall-applikazzjonijiet għall-*premiums* issottomessi minn produtturi żgħar dan jagħti ċifra ta' inqas minn wieħed, dawk il-produtturi ż-żgħar huma mbarrija milli jinkludu l-bdil tal-post ta' l-għoġiela li jkunu għadhom ma welldux għall-*premium*. Skond kif jiddikjara d-dħul numru 7 tar-Regolament, il-miżura hija maħsuba għalbiex tillimita n-numru ta' l-għoġiela li jkunu għadhom ma welldux fil-proporzjon normali tal-bdil tal-post. Għal dan il-għan, l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament jipprovdi l-miżuri meħtieġa li jridu jittieħdu sabiex biex jiġu riżolti problemi prattiċi speċifiċi. Bħala konsegwenza ta' dan, dawk il-produtturi ż-żgħar li japplikaw għall-*premiums* għall-baqar li jreddgħu rigward mill-inqas żewġ bhejjem għandhom ikunu jistgħu jikkwalifikaw għall-*premium* rigward il-bdil tal-post ta' għoġla li tkun għadha ma welditx u dan għandu japplika sa mid-dħul ta' l-iskema l-ġdida sabiex jiġi evitat li jkun hemm diskriminazzjoni bejn il-produtturi.

(4) Skond l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 2342/1999, l-Istati Membri jistgħu jiffissaw il-perjodi taż-żmien u d-dati għas-sottomissjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-*premiums* speċjali u għall-*premiums* għall-baqar li jreddgħu u jistgħu jillimitaw in-numru ta' l-applikazzjonijiet li kull produttur jista' jissottometti għal kull skema tal-*premiums* f'kull sena kalendarja. Dan huwa ġġustifikat fuq il-bażi ta' amministrazzjoni soda u bil-ħsieb tal-monitoraġġ tal-*premiums*. Ġaladarba dawn ir-raġunijiet huma validi wkoll għall-*premjum* għall-qatla, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għal dan ta' l-aħħar.

(5) Il-kwantità individwali tal-ħalib ta' referenza ddefinita fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999, li tintuża għalbiex jiġi stabbilit in-numru tal-baqar eliġibbli għall-*premium* għall-baqar li jreddgħuu f'merħliet imħallta kif ipprovvdut fl-Artikolu 6(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999 u d-densità tal-bhejjem tal-ħażna riferità fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, għandhom x'jaqsmu mal-kwantità tar-referenza meqjusa bħala li l-aktar tirrifletti fedelment in-numru tal-baqar tal-ħalib fl-azjenda, jiġifieri l-kwantità disponibbli fil-31 ta' Marzu jew fl-1 ta'April skond jekk il-produttur jirrilaxxjax jew jeħux taħt kontroll rispettivament il-kwantità tar-referenza. Madankollu, meta t-trasferiment ta' kwantità individwali tar-referenza jkollha effett biss fil-bidu tas-sena ta' wara tal-ħalib, jiġifieri fl-1 ta' April, dan il-għan jintlaħaq biss billi tintuża għall-kalkolu l-kwantità tar-referenza kif tkun fl-1 ta' April. B'riżultat ta' dan, l-applikazzjoni stretta tad-disposizzjonijiet imsemmija hawn fuq twassal, fil-każijiet imsemmija, għal diffikultajiet li ma jingħelbux. F'dawn il-każijiet, għandha ssir dispożizzjoni għal miżuri speċjali, skond l-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999, għalbiex tiġi evitata d-diskriminazzjoni bejn il-produtturi. Dawn il-miżuri — li għandhom ikunu bil-għaġla għall-Istati Membri interessati — iridu japplikaw mis-sena 2001 sad-data ta' l-applikazzjoni attwali għall-ħlasijiet diretti fis-settur tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib, għajr rigward il-produtturi li huma lokati fl-Istati Membri li jiddeċiedu li jimplimentaw il-miżura mis-sena 2000 u li jkunu diġà qegħdin japplikaw sabiex il-miżuri jidħlu fl-effett, li għalihom għandha tapplika mid-dħul ta' l-iskema l-ġdida tal-*premiums*.

---

[1] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 1.
[2] ĠU L 105, tat-3.5.2000, p. 6.
[3] ĠU L 281, ta' l-4.11.1999, p. 30.
[4] ĠU L 405, tal-31.12.1992, p. 1.
[5] ĠU L 90, tat-12.4.2000, p. 4.
[6] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 48.

(6) Il-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Laħam taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2342/1999 huwa emendat kif ġej.

1. L-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 9(1) tiġi mibdula b'dan li ġej:

"Minkejja l-Artikolu 5, il-*premiums* għandhom jitħallsu lill-produtturi li jkunu żammew bhejjem għall-perjodu taż-żmien taż-żamma minima ta' xahrejn li jtemm anqas minn xahar qabel il-qatla jew il-kunsinna jew li jintemm anqas minn xahrejn qabel l-esportazzjoni."

2. Il-kelma "allokati" fl-Artikoli 17(1)(a) u 31(2)(a) u 31(3)(b) tiġi mibdula bil-kelma "disponibbli".

3. Jiżdied it-tielet paragrafu l li ġej ma' l-Artikolu 17:

"3. Meta applikazzjoni għal *premium* tkopri minn żewġ bhejjem sa' ħamsa wara l-aġġustament tas-saqaf (l-ogħla livell) individwali pprovvdut fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3887/92 tat-23 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex tiġi applikata l-amministrazzjoni integrata u s-sistema tal-kontroll għal ċerti skemi ta' għajnuna Komunitarja (*), waħda biss minn dawn il-bhejjem tista' tkun għoġla li tkun għadha ma welditx.

(*) ĠU L 391, tal-31.12.1992, p. 36."

4. Dan li ġej għandu jiżdied mat-tmiem tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 35(1):

"Mingħajr preġudizzju għal-limitu taż-żmien iffissat hawn fuq, l-Istati Membri jistgħu jiffissaw il-perjodi taż-żmien u d-dati sabiex jiġu ssottomessi l-applikazzjonijiet għall-għajnuna u jistgħu jistabbilixxu n-numru ta' l-applikazzjonijiet li kull produttur jista' jissottometti f'sena kalendarja."

5. L-Artikolu 37(1) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. Il-*premium* għandu jitħallas lill-produtturi li jkunu żammew il-bhejjem għal perjodu minimu taż-żmien taż-żamma ta' xahrejn li jintemm anqas minn xahar qabel il-qatla jew li jntemm anqas minn xahrejn qabel l-esportazzjoni."

6. L-Artikolu li ġej jiżdied wara l-Artikolu 44:

" *Artikolu 44a*

Il-mod kif tiġi stabbilità l-kwantità tar-referenza għall-ħalib

Sal-31 ta' Diċembru 2004, minkejja l-Artikoli 17(1)(a) u 31(2)(a), (Stat Membru jista' jiddeċiedi illi) fil-każ tal-produtturi tal-ħalib li jirrilaxxjaw jew jieħdu taħt kontroll kwantitajiet individwali tar-referenza fl-intier tagħhom jew f'parti minnhom b'effett mill-31 ta' Marzu jew mill-1 ta' April rispettivament skond l-Artikolu 8(b) tar-Regolament (KEE) Nru 3950/92 jew skond id-disposizzjonijiet nazzjonali adottati sabiex jiġu implimentati l-Artikolu 7, l-Artikolu 8(a), (d) u (e) jew l-Artikolu 8a ta' dan ir-Regolament, id-data li tistabbilixxi:

— il-kwantità massima individwali tal-ħalib tar-referenza disponibbli li tikkwalifika għall-*premium* għall-baqar li jreddgħu u n-numru massimu tal-baqar li jreddgħu,

— il-għotjiet tal-ħlasijiet addizzjonali fuq kull ras għall-baqar tal-ħalib, u

— id-densità tal-bhejjem tal-ħażna,"

għandha tkun l-1 ta' April.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu. Iżda:

— L-Artikolu 1(6) għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2001.

— L-Artikolu 1(1), (2), (3), (5) u, fuq it-talba tal-produttur u meta l-Istat Membru interessat jiddeċiedi li jimplimentah, is-(6) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2000.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Mejju 2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni